bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp David Saliba)
vs
Joseph Azzopardi, iben
Joseph, imwieled Pieta'
fis-16 ta' lulju, 1977

Illum, 11 ta' awissu, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli f'Ħaż-Żebbuġ, nhar it-8 ta' ġunju, 2000 għal ħabta tal-10.30 p.m. ikkometta serq ta' karozza tal-għamla Mini-Minor, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAC 365, li hija stmata li tiswa aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 għad-dannu ta' Noel Scicluna minn Ħaż-Żebbuġ liema serq hu kkwalifikat
bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, fl-imsemmija karozza liema ħsara ma tisskorriex is-somma ta' Lm50 għad-dannu ta' Noel Scicluna.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-2 ta' awissu, 2000 fejn
l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' awissu, 2000 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(ċ)
tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta mitejn liri maltin
(Lm200).